Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nr: 245 / 2018

Il-Pulizija

Vs

Emanuel Bello

Illum 27 ta' Settembru, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta' Emanuel Bello detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 46396A, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Ghax xahar ta' Novembru, 2017 u x-xhur ta' qabel f'dawn il-Gzejjer:

1. Naqas li jaghti lil Chalene Catania, is-somma ta' 300 Ewro fix-xahar, ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu w / jew martu, fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-23 ta' Mejju, 2018 fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 338(z) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-akkuzat hati u kkundannatu ghall-xahar detenzjoni. Il-Qorti spjegat fi kliem car il-portata ta' din is-sentenza.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Emanuel Bello, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar l-1 ta' Gunju, 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata u konsegwentement tillibera lill-appellanti minn kull imputazzjoni u htija, u fin-nuqqas ta' dan, tvarja l-istess sentenza billi filwaqt li tikkonfermaha f' dik il-parti li sabet htija tirriformaha billi tipprovdi ghal-piena iktar idonea li tirrispekkja c-cirkustanza partikolari tal-kaz.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat illi l-esponenti hass ruhu ferm aggravat bid-decizjoni tal-Ewwel Qorti u dan ghas-segwenti ragunijiet.

1. Illi l-ewwel aggravju ta' l-esponenti jirrigwarda l-fatt li l-Ewwel Qorti bid-dovut rispett ma kkunsidratx li l-akkuzi fil-kamp kriminali jridu jkunu akkuzi ekwivoci u marbuta ma' data specifika. Illi l-akkuza odjerna li biha gie akkuzat l-esponenti kienet tirreferi ghall-perjodu indefinit li mhux biss huwa legalment infondat izda sahansitra l-akkuza nnifisha tqanqal incertezza morali li necessarjament ma tistax tirnexxi fil-Ligi penali. Illi wiehed ma jistghax jistabilixxi bic-certezza morali

rikjesta ghal-liema perjodu qeghda tirreferi l-akkuza u dan u aktar fil-kaz odjern fejn si tratta ta' akkuza li r-rizultanzi taghha jistghu jigu kwantifikati b' rata ta' manteniment mensili. Iktar dubbji tqanqlu izda skorrettement gew skartati mill-Ewwel Onorabbli Qorti fejn Dina naqset milli taghti piz ghax-xhieda konfuza tal-*parte civile.* Waqt tali deposizzjoni l-*parte civile* stqarret f' mument minnhom li ghamlet diversi rapporti ghal-manteniment. Fil-pessima ipotezi li dan mistqatt minnha huwa veru, din l-istqarrija minnha nnifisha torbot mal-kuncett ta' *nebis in idem.* Dan qieghed jigi sottomess fuq il-premessa li r-rapporti li allegatament ghamlet il-*parte civile* diga wasslu ghall-kundanna jew helsien quddiem il-Qrati Kriminali u b' hekk l-appellanti ma setghax jerggha jigi mressaq b' mod wiesgha ghal xhur indefiniti fejn b' mod inveritier il-*parte civile* allegat in-nuqqas ta' hlas ta' manteniment. Fid-dawl ta' dawn l-incertezzi l-Ewwel Qorti ma kelliex ghazla hlief li tillibera lill-appellanti.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost t-tieni aggravju ta' l-esponenti jitratta dwar il-preskrizzjoni tar-reat b' liema huwa gie akkuzat. Illi l-gurisprudenza, senjatament *Il-Pulizija vs John Chircop* deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhar it-3 ta' Novembru 2005 tghallem li:

   ' *ir-reat kontravvenzjonali kontemplat fl-artikolu 338(z) tal-Kap. 9 huma wiehed istantenju u mhux permantenti*.' u tkompli billi ssir referenza ghal *Il-Pulizija vs. Joseph Galea* deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali billi tipprovdi:

   *' Il-kuncett ta' ' continuous offence' jindici primarjament fuq il-komputazzjoni tal-piena filwaqt illi l-' continuing offence' jindici fuq l-aspett sostantiv tar-reat. … Il-fatt jibqa' wiehed li l-gurisprudenza tindika bl-izjed mod car li l-artikolu 338(z) huwa reat istantaneju u mhux kontinwat (' continuing' ).*

   Illi ghaldaqstant, il-logika legali li ssegwi hija li:

*' Ghal dawn iz-zewg tipi ta' reati, cioe' r-reat kontinwat u r-reat permanenti (continuing offence) ir-regoli tal-preskrizzjoni mhumiex l-istess. Di fatti skont l-artikolu 691 (1) fil-waqt li fil-kaz tar-reat kontinwat kontemplat fl-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali, z-zmien tal-preskrizzjoni jibda' mil-jum li fih isir l-ahhar ksur tal-ligi, fil-kaz ta' reat permantenti dan jibda mill-jum li fih ma tibqax il-permanenza tar-reat.*

…

*Illi kif gja gie ritenut minn din il-Qorti, ir-reat kontravvenzjonali istantaeju jigi kommess <u>b' eghluq ta' hmistax il-jum wara d-data tal-iskadenza</u>.'*

…

*Ghalhekk din il-kontravvenzjoni, fil-kaz tal-appellant, kienet tiskatta appena jigi il-hmistax il-jum wara kull data ta' kull skadenza settimanali w hu jkun naqas li jhallas is-somma stipulata lil martu sa dak in-nhar.'*

L-istess gurisprudenza taghmel referenza ghall-artikolu 688(f) tal-Kodici Kriminali li madanakollu gie sorpassat bil-ligi specjali bl-Att Nru XVI ta' l-2006 li pprovda l-proviso gdid b' zieda ma' l-artikolu 338 tal-Kodici Kriminali billi estenda l-preskrizzjoni trimestrali ghal wahda bl-gheluq ta' sitt xhur. Madankollu, dan il-provvediment bl-ebda mod ma' biddel inn-natura sostantiva tar-reat. Ghaldaqstant, minghajr pregudizzju ghall-aggravju precedenti li diga stipola li l-akkuza ma tistax tigi spezzettat sabiex takkomoda perjodi indefiniti, madankollu, l-esponenti qieghed jissottometti li l-perjodu ' indefinit' li ghalih tirreferi l-akkuza huwa prekritt u dan ghaliex imur lura snin. Minkejja li l-*parte civile* talbet fix-xhieda taghha mantenimenti li jmorru ghal bosta snin, l-Ewwel Qorti

skorrettement skartat l-eccezzjoni sollevata mill-appellanti. Fid-dawl ta' dan l-aggravju, l-appellanti jissottometi li hu wkoll ghandu jigi liberat fuq dan il-punt.

3. Illi fl-isfond ta' dan kollu u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponenti jissottometti it-tielet aggravju tieghu fis-sens illi l-Ewwel Onorabbli Qorti, b' kull rispett qajla qieset in-nuqqas ta' kredibilita' tal-*parte civile*. Kien biss wara li hi din giet rinfaccjata bid-dokumentazzjoni ta' uhud mil-pagamenti li l-*parte civile* ammettiet li l-appellanti kien verament iva dejjem hallasha xi forma ta' manteniment. Tali fatt, fih innifsu ixejjen l-akkuza dedotta kontra l-appellanti u jimmerita nuqqas ta' sejbin ta' htija. Dan jinghad fid-dawl tal-fatt li l-akkuza hekk kif dedotta zgur qatt ma setghet tigi sodisfacentement provata anzi mgiddba seduta stante mil-*parti civile* nnifisha. Iktar minn hekk, apparti r-rapport inveritier maghmul mil-*parte civile*, l-Ewwel Qorti kellha wkoll taghti piz lil fatt li hekk kif xhed l-appellanti, wara l-gheluq tal-medjazzjoni, il-partijiet kienu waslu f' arrangament verbali. Skond dan l-arrangament, l-esponenti kien obbligat biss jghaddi manteniment ta' Euro 100 fix-xahar kif fil-fatt dejjem ghamel. L-Ewwel Qorti skartat li d-digriet ta' manteniment prezentat specifikament jipprovdi ghal dan il-manteniment ***pendente lite*** u ghalhekk ma l-eghluq tal-proceduri l-effetti ta' l-istess gew mitmughma. Piz ukoll kellu jinghata ghall-animu wara liema sar ir-rapport li kif jindika l-affidavit stess, l-accident kollu nqala fuq cahda tal-*parte civile* li l-missier appellant jaghti rigal tal-Milied lil bintu. Din hija raguni kapriccuza bic-car intendiment li l-appellanti jigi deporatat wara s-sejbien ta' htija u b' hekk il-*parte civile* tkun zbarazzat mill-appellanti bil-barka tal-Qrati u b' idejha nodfa.

4. Illi r-raba' aggravju tal-appellanti huwa fis-sens illi fil-pessima ipotezi li l-aggravji precedenti kollha ta' l-appellanti jigu skartati, l-appellanti qieghed jissottometti li l-piena ghandha tkun wahda izjed idonea. Kif jixhed ir-rapport li jinsab fl-atti, l-esponenti m' huwiex persuna familjari mal-Qrati izda missier li ghamel l-izball li urta lill-omm bintu u mar sabiex jaghti r-rigal tal-Milied lill-bintu. Mhuwiex ideali

li persuna li qeghda tipprova tistabilixxi ruhha bil-kwiet u li qatt ma giet fid-dell ikrah tal-Ligi tisfa vittma tas-sistema u tinghata piena ta' detenzjoni. Minkejja li jekk wiehed ihares lejn il-gurisprudenza jifhem li l-animu wara din is-sentenza ma kienx wiehed daqsekk harxa, xorta wahda r-rizultanzi ta' l-istess ser iwasslu li l-appellanti jitlef xoghlu u jigi kkundannat detenzjoni. Dan ser iwassal f' kosegwenzi hafna iktar pregudizzjevoli fuq l-appellanti intortament.

Ikkunsidrat,

Rat l-affidavit ta **PS 1434 M Mercieca** redatt minnu nhar is-7 ta Frar 2018 esebit fl-atti a fol 222 fejn dan kkonferma li nhar l-24 ta' Dicembru, 2017 ghall-habta ta' 13.15 irrportat l-ghassa Charlene Abela li lejliet ghal habta ta' 20.45pm irceviet messagg (voice message) minghand missier it- tifla taghha certu Emanuel Bello bil-kliem 'you will surely regret it'. Charlene stqarret li nhar it-23 ta' Dicembru 2017 ghall-habta tal-11.30 a.m. Emanuel Bello mar il-hanut tal-familja mgharuf bhala tal-Kantuneira Confectionary, il-Gzira fejn ried jghati xi rigal lil bintu, minhabba li Emanuel Bello qatt ma jaghti manteniment lil bintu kif ukoll naqas li jitlob ghal kustodja jew li jkollu access ghal bintu ommha keccietu l'barra fejn Emanuel Bello irrabja u baghat dan il-messagg lilha. Hija stqarret ukoll li dan Bello qatt ma ghadda manteniment u li l-ahhar darba li ghamlet rapport kien fis-sena 2014.

Semghet ix-xhieda ta' **Charlene Catania** moghtija waqt is-seduta tal-25 ta' Settembru, 2018. Hi stqarret li kellha relazzjoni mal-appellant u minn din ir-relazzjoni twieldet tarbija Amy, li illum it-tifla ghandha sebgha snin. Ikkonfermat li r-relazzjoni taghha mal-appellant illum spiccat. Qalet li ipprezentat rikors quddiem il-Qorti tal-Familja fejn talbet li tinghata manteniment ghall-bintha u dik il-Qorti kienet laqghet it-talba taghha tant li b'digriet tal-10 ta' Dicemembru, 2012 l-appellant gie ordnat ihallas manteniment fl-ammont ta' tlett mitt (300) euro mensilment liema ammont kellu jizdied skond l-indici tal-gholi tal-hajja, oltre li ordnatlu ihallas nofs l-ispejjez ta' edukazzjoni u sahha. Ikkonfermat li sa issa hija thalset is-somma globali ta' tmien mitt euro (€800) f'dawn is-snin kollha u dan billi kull tant zmien hallasha is-somma ta' mitt euro (€100) kull darba. Pagamenti ghamel tmienja kif jirrizulta mill-bank statements u deposits esebiti fl-atti

mill-istess appellant. Ikkonfermat li ghax-xahar ta' Novembru 2017 u x-xhur ta' qabel ma irceviet l-ebda manteniment minghnd l-appellant. Tghid li sa dakinhar li xehdet l-appellant ghandu itiha s-somma ta' €17,800 rappresentanti manteniment dovut lilha skond dan l-istss digriet li mhux qed jigi onerat.

Mistoqsija ghaliex lill-pulizija qaltilhom li l-appellant qatt ma taha manteniment qalet dan sehh ghaleix kienet insiet li fil-fatt kien ghaddilha xi pagamenti.

Mistoqsija ghaliex ma rraportax il-kaz qabel, tghid li s-sena l-ohra ftit qabel il-Milied l-appellant mar jaghti xi rigal lil binthom u spiccaw jilletikaw tant li spicca jheddidha u bezghat minu u ghalhekk irapportat dan il-fatt u cioe' li mhux qed jonora d-digriet tal-Qorti.

Ikkonfermat li l-appellant ghandu xoghol gewwa l-lukanda Hilton u ghandu paga regolari izda cio' nonostante mhux qed jgahtiha manentiment.

Mistoqsija jekk hux minnu li accettat li l-appellant jibda itiha is-somma ta' mitt euro fix-xahar flok it-tlett mija ordnat mill-Qorti tghid li mhux minnu li waslet f'xi arrangament divers minn dak ordnat mill-Qorti.

Mistoqsi kemm thasllet f'cash minghand l-appellant tghid li qatt ma riceviet xi pagamenti f'forma ta' cash minghand l-appellant.

Semghet lill-appellant **Emanuel Bello** jixhed u dan fl-istess seduta tal-25 ta Settembru, 2018. Ikkonferma li jigi missier it-tifla minuri Amy u li kellu relazzjoni mal-kwerelanti, omm Amy. Qal li huwa xi zmien ilu kien illetika mal-kwrelanti u kien mar missierha u kecccieh barra mid-dar u spicca homeless ghal perijodu ta' tlett xhur. Qal li huwa sar jaf bid-digriet tal-Qorti tal-Familja f'Dicembru li ghadda u mhux qabel. Mistoqsi jekk ghamilx xi proceduri sabiex jipprova inaqqas l-ammont dovut minnu jghid li ghamel pero' t-talba tieghu giet michuda. Ikkonferma li skont id-digriet tal-Qorti huwa gie ordnat ihallas manteniment ghall-bintu fis-somma ta' tlett mitt euro (€300) minkejja li huwa idahhal bhala paga is-somma ta' tmien mija u ghoxrin euro fix-xahar (€820). Qal li huwa kien wasal fi ftehim li kien ser ihallas lill-kwerelanti is-somma ta' mitt euro (€100) fix-

xahar u hija accettat. Mistoqsi jekk hallasx il-mantenimetn ghax-xahar ta' Novembru u x-xhur ta' qabel jghid li ma hallashomx purche hallas diversi sommom qabel anke hallas il-manteniment cash. Mistoqsi jekk kellux xi ricevuti ghall-halsijiet li ghamel jghid li m'ghandux, ghaliex l-kwerelanti qatt ma tatu.

Semghet lill-partijiet jittrattaw l-kawza u dan fis-seduta tal-25 ta' Settembru, 2018 fejn talbu lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza fuq il-provi mismugha minnha.

Ikkkunsidat,

Ili mis-suespost jirrizulta s-segwenti fatti ghas-sodisfazzjon tal-Qorti.

1. Li bejn l-appellant u l-parte civile Charlene Abela twieldet tarbija Amy.
2. Illi l-appellant gie ordnat ihallas manteniment lil din il-minuri fl-ammont ta' tlett mitt Ewro (€300) fix-xahar li jizdiedu skont l-indici tal-gholi tal-hajja, oltre li jhallas nofs l-ispejjez tal-edukazzjoni u sahha u dan b'efett mill-24 ta' Lulju, 2013 (vide id-digriet tal-Qorti tal-Familja esebit fl-atti a fol. 21).
3. Illi minkejja dan id-digriet l-appellant hallas biss is-somma ta' tmien mitt ewro (€800) u ghalekk skont ix-xhieda tal-parte civile huwa debitur taghha fl-ammont ta €17,200.
4. Illi l-appellant jahdem mal-lukanda Hilton u ghandu introjtu regolari fl-ammont ta €820 fix-xahar.
5. Illi huwa pprezenta rikors quddiem il-Qorti tal-Familja biex ibiddel dan id-digriet tal-24 ta' Lulju, 2013 pero' dan gie michud.
6. Illi skont ix-xhieda ta' Charlene Abela u mhux michud mill-appellant, huwa ma hallasx il-manteniment dovut minnu ghax-xahar ta' Novembru, 2017 kif ukoll ghax-xhur ta qabel u kien ghalhekk li giet pprezentata il-kwerela.

Din il-Qorti taghmel referenza gha-sentenza moghtija fl-ismijiet "**Il-Pulizija vs. Jacqueline Zammit**[1]" *fejn gie ritenut li l-ordnijiet tal-Qrati jridu jigu osservati skrupolozament u minghajr tfettieq u kavillar zejjed , inkella facilment f'kawzi bhal dawn , fejn ikun hemm element qawwi ta' pika bejn il-mizzewgin dwar kull haga possibbli w immaginabbli , din il-Qorti tigi ridotta f' Qorti ta' appell mid-digrieti tal-Qrati Civili . Ir-rimedju ta' min ikun ihossu aggravat b' xi digriet tal-Qrati Civili kemm dwar alimenti kif ukoll dwar access mhux li jiehu l-ligi b'idejh , imma li jirrikorri lill-istess Qorti li tkun emanat id-digriet jew ordni relattiv u jitlob revoka, varjazzjoni jew aggustament tieghu biex jittiehed kont ta' xi kambjament fis-sitwazzjoni .*

Illi huwa minu li f'dan il-kaz qed nitkelmu dwar koppja li m'hix mizzewgha pero' ghandu japplika l-istess principju fejn il-kontendenti ghandhom tarbija in komuni u ghandhom dejjem jobdu l-ordni tal-Qorti sakemm tibqa' vigenti.

Illi din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza fl-ismijiet "**Il-Pulizija vs. Raymond Cutajar**[2] " kienet irriteniet testwalment hekk :-

*"......Din il-Qorti wara li rat is-sentenzi (**Pol. vs. Lawrence Cutajar**[3] - u **Pul. vs. Carmelo Farrrugia**[4] ) u wara li rat l-argumenti kollha migjuba mill-appellant fir-rikors tieghu hi tal-fehma li ma tistax taqbel mall-appellant . Ordni ghall-hlas ta' manteniment kontenut f'Digriet moghti mis-Sekond' Awla jibqa' validu ghall-fini w effetti kollha tal-art. 338(z) ………. kemm il-darba ma jkunx irrizulta li dak id-Digriet gie espressament revokat jew altrimenti mibdul mill-istess Sekond' Awla u salv il-prova tar-rikonciljazzjoni jew ta' dikjarazzjoni ta' Qorti ohra kompetenti li dak id-Digriet jew dak l-ordni kien null . "*

Ghall-finijiet tal-imsemmi art. 338(z) tal-kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta hu bizzejjed li l-Prosekuzzjoni tipprova :-

[1] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-15 ta Mejju 2003.
[2] Deciza mill-Qorti tal Appell Kriminali nhar it-2 ta Settmebru 1999
[3] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-10 ta Marzu 1995.
[4] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-23 ta Jannar 1998

1. Li nghata ordni minn Qorti ghall-hlas ta' manteniment (billi ggib kopja legali tad-Digriet bhal ma sar f'dan il-kaz, jew kieku si tratta ta' ordni kontenut f'sentenza, kopja legali tas-sentenza relattiva.)

2. li dak il-manteniment ma thallasx fi zmien hmistax (15) il-jum minn dak il-jum li fih skond l-ordni , kellha tithallas is-somma kif gara fil-kaz in desamina.

Ikun jispetta umbaghad lill-akkuzat li jipprova, jekk irid, u fuq bazi ta' probabbilita' li dak l-ordni kien gie revokat jew mibdul jew dikjarat null mill-Qorti kompetenti jew li kienet saret rikonciljazzjoni li f'dan il-kaz ma jidhirx li hemm wiehed minn dawn l-ipotesi.

Dik il-Qorti tghamel ukoll riferenza ghal-sentenza ohra taghha diversament preseduta fil-kawza i**l-Pulizija vs. Mario Mallia**[5] fejn ukoll gie ritenut :-

*"....ghal finijiet ta' kawza penali meta l-imputazzjoni tipotizza r-reat kontravenzjonali fil-paragrafu (z) tal-Artikolu 338 tal-Kap.9 , hu rrilevanti meta giet intavolata l-kawza ta' separazzjoni jew jekk intalbitx o meno proroga tad-digriet originali ; galadarba l-ordni kontenut f' dak id-Digriet ma kienx gie espressament revokat jew altrimenti mibdul mill-istess Sekond' Awla jew mill-Prim' Awla ( u salv il-prova ta' rikonciljazzjoni jew ta' dikjarazzjoni ta' Qorti ohra kompetenti li dak id-digriet jew dak l-ordni kien null) l-ordni ghall-hlas tal-manteniment jibqa' validu ghall-finijiet u effetti kollha tal-artikolu 338(z) tal- Kodici Kriminali -- ara f'dan is-sens "**Il-Pulizija vs. Lawrence Cilia**[6] (App. Krim. 10/3/95 , u **l-Pulizija v. Carmelo Farrugia**[7], App. Krim. 23.1.1998. Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi respint."*

Illi kif irriteniet din il-Qorti fl-Appell Kriminali "**Il-Pulizija vs, Alfred Camilleri**[8]" fejn ghamlet riferenza ghal sentenza ohra ta' din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta, (**Pul. vs. Anthony Saliba**[9] ), fejn ikun hemm kambjament fic-cirkostanzi bhal l-kaz ta' persuna li tisfa' bla xoghol, dan ma jiskuzahiex mill-obbligu taghha li twettaq id-Digriet

[5] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-8 ta Mejju 1998.
[6] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-10 ta Marzu 1995.
[7] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nharit-23 ta Jannar 1998
[8] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-18 ta Settembru 2002
[9] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-15 ta' Lulju 1998.

tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili, obbligu sancit bir-reat ta' natura kontravenzjonali li tahtu hu akkuzat l-appellant. Ir-rimedju li ghandu u li kellu l-appellant kien li jadixxi tempestivament u fi zmien utli lill-Qorti Civili kompetenti biex din, wara li tiehu konjizzjoni tal-provi, tipprovdi billi se mai timmodifika l-ordni dwar il-manteniment. U biss wara li jottjeni tali modifika, li jkun jista' jhallas inqas jekk ikun il-kaz. Sakemm dan isir, jibqa' marbut bl-obbligu tal-hlas skond l-ewwel digriet.

Fid-dawl ta' din il-gurisprudenza u bl-istess mod din il-Qorti qeda tikkundanna l-kondotta unilaterali tal-appellant meta ddecieda wara li hallas is-somma ta' tmien mitt euro (€800) iddecieda li ma jhallas xejn aktar u ghalhekk hi tal-fehma li l-appellant kien instab hati gustament mill-Ewwel Qorti tal-kontravvenzjoni dedotta kontra tieghu.

Illi din il-Qorti hija tal-fehma li l-ghan ewlieni tal-legislatur meta introduca din il-kontravvenzjoni xi ftit tas-snin ilu kien li jgib pressjoni fuq persuni li jkunu riluttanti li jhallsu manteniment lid-dipendenti taghhom u ghalhekk tali ordnijiet ghandhom dejjem jigu obduti w osservati skrupolozament.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell tal appellant u tikkonferma is-sentenza appellata fl-intier taghha.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur